# Qabel ma tibda: Ħames prinċipji bażiċi għal CV tajba

## 1. Ikkonċentra fuq l-essenzjali

- Min iħaddem ġeneralment jieħu inqas minn minuta fuq kull CV qabel jiddeċiedi jekk għandux jarmi jew iwarrab dik is-CV għal aktar kunsiderazzjoni dettaljata. Jekk tonqos milli tħalli impressjoni tajba, tkun qiegħed/ha titlef l-opportunità tiegħek.
- Jekk qiegħed/ha tapplika għal xogħol reklamat permezz ta' xi avviż, kun żgur li ssegwi kompletament il-proċess tal-applikazzjoni speċifikat f'dak l-avviż partikulari. L-avviż jista' jispeċifika: kif għandek tapplika (CV, il-formola t'applikazzjoni, applikazzjoni onlajn), it-tul u/jew il-format tas-CV, u jekk intix mitlub/a tibgħat ittra ta' introduzzjoni, eċċ
- Kun konċiż: Ħafna drabi żewġ paġni A4 huma aktar minn biżżejjed, irrespettivament mill-edukazzjoni jew esperjenza li għandek. Qatt m'għandek teċċedi tliet paġni. Jekk għandek grad universitarju, inkludi l-kwalifiki miksuba matul l-iskola sekondarja biss jekk huma relevanti għal dak l-impjieg partikulari.
- Jekk l-esperjenza ta' xogħol tiegħek hi limitata, l-ewwel iddeskrivi l-edukazzjoni u t-taħriġ; agħti prominenza lill-attivitajiet u esperjenzi ta' volontarjat, *placements* u apprendistati.

## 2. Kun ċar u konċiż

- Uża sentenzi qosra. Evita l-clichés. Ikkonċentra fuq l-aspetti rilevanti tat-taħriġ u tal-esperjenza ta' xogħol tiegħek.
- Agħti eżempji speċifiċi. Ikkwantifika l-kisbiet tiegħek.
- Aġġorna is-CV tiegħek meta tikseb aktar esperjenzi. Tiddejjaqx tneħħi informazzjoni qadima jekk taħseb li din mhux relevanti jew ma żżidx valur għall-pożizzjoni li qed tapplika għaliha.

## 3. Addatta s-CV tiegħek għall-post tax-xogħol li qed tapplika għalih

- Enfassizza l-vantaġġi tiegħek skont ir-rekwiżiti speċifiċi ta' min ser iħaddmek u kkonċentra fuq dawk il-ħiliet li huma relevanti f'dak il-post tax-xogħol.
- Tinkludix dawk l-esperjenzi ta' xogħol u taħriġ li mhumiex rilevanti għall-applikazzjoni.
- Jekk waqaft għal xi perjodu mill-istudju jew karriera tiegħek, spjega u agħti eżempji ta' xi ħiliet li int ksibt matul din il-waqfa u li jagħtu valur lill-applikazzjoni tiegħek.
- Qabel tibgħat is-CV tiegħek lil min ser iħaddmek, erġa' ċċekkjaha sabiex tiżgura li din tikkonforma mal-profil meħtieġ.
- Iżżidx is-CV tiegħek artifiċjalment; jekk tagħmel hekk, aktarx li tinqabad fl-intervista.

## 4. Ħu ħsieb il-preżentazzjoni tas-CV tiegħek

- Niżżel il-ħiliet u l-kompetenzi tiegħek b'mod ċar u loġiku, sabiex toħroġ il-potenzjal tiegħek.
- Niżżel l-ewwel dik l-informazzjoni l-aktar relevanti għall-applikazzjoni tiegħek
- Ħu ħsieb dettalji bħall-punteġġjatura u ortografija.
- Ipprintja s-CV tiegħek fuq karta bajda (sakemm ma tkunx mitlub li tibgħatha b'mod elettroniku)
- Żomm il-font u t-tqassim suġġerit.

## 5. La darba tkun imlejt is-CV erġa'ċċekkjaha sew

- Irranġa l-iżbalji ortografiċi u kun ċert li hi ppreżentata b'mod ċar u loġiku.
- Staqsi lil xi ħadd ieħor biex jerġa' jaqra s-CV tiegħek biex tkun ċert li l-kontenut hu ċar u faċli biex jinftiehem.
- Tinsiex tikteb ittra ta' introduzzjoni.

L-ebda sotto-titolu tal-Curriculum Vitae ma jrid jimtela bil-fors.

INFORMAZZJONI PERSONALI

## Indika Ismek u Kunjomok

Jekk għandek aktar minn isem wieħed, ibda billi tniżżel dak l-isem li l-aktar tuża. Eżempju:

John Paul Bartolo

Daħħal ritratt tiegħek jekk mitlub.

Indika n-numru tad-dar, l-isem tat-triq, il-belt/raħal, il-kodiċi postali, il-pajjiż

Ikteb l-indirizz postali sħiħ, fejn tixtieq li tiġi kkuntattjat. Eżempju:

14 Triq il-Katina, Hamrun, HMR 07 (Malta)

Indika n-numru tat-telefon tad-dar  Indika n-numru tal-mowbajl

Ikteb in-numru(i) tat-telefon fejn tixtieq tkun ikkuntattjat, l-aktar probabbli n-numru tal-mowbajl. Eżempju:

+356 1234 5678

Issepara n-numru fi gruppi skont il-konvenzjoni nazzjonali sabiex tiżgura li n-numru tat-telefon ikun faċli biex jinqara.Eżempju: +<il-kodiċi tal-pajjiż> <il-kodiċi taż-żona> <Numru Lokali>

Indika l-indirizz/i elettroniku/elettroniċi

Ikteb l-indirizz elettroniku fejn faċilment tista' tiġi kkuntatjat, preferibbilment l-indirizz elettroniku personali tiegħek. Evita indirizzi mhux xierqa. Eżempju:

John.smith@hotmail.com

Indika l-websajt/s tiegħek

Kun żgur li l-websajt tkun relevanti għall-pożizzjoni u li ma tfixkilx l-applikazzjoni tiegħek. Eżempju:

www.sample.com

Indika t-tip ta' servizz IM Indika l-*messaging account(s)*

Kun żgur li din l-informazzjoni hija relevanti għall-pożizzjoni u li ma tfixkilx l-applikazzjoni tiegħek. Eżempju:

AOL Instant Messenger (AIM) john.smith

Sess Indika s-sess tiegħek | Data tat-twelid jj/xx/ssss | Nazzjonalità Indika n-nazzjonalità/nazzjonalitajiet

Imla biss jekk meħtieġ. Agħti ħarsa lejn il-providementi lokali li jirrigwardjaw informazzjoni dwar is-sess, l-età, in-nazzjonalità eċċ Eżempju:

Sess Raġel| Data tat-twelid 01/04/1973 | Nazzjonalità Spanjol

L-IMPJIEG LI APPLIKAJT GĦALIH
POŻIZZJONI TAX-XOGĦOL TIEGĦEK
IMPJIEG MIXTIEQ
IL-KORS/IJIET LI APPLIKAJT GĦALIH/GĦALIHOM
DIKJARAZZJONI PERSONALI

Ħassar dawk l-oqsma li mhumiex relevanti.

## Agħżel mil- lista: L-impjieg li applikajt għalih / Pożizzjoni tax-xogħol tiegħek / Impjieg mixtieq / Il-kors/ijiet li applikajt għalih/għalihom / Dikjarazzjoni personali

Din it-taqsima tagħti deskrizzjoni mmedjata tal-iskop tal-applikazzjoni tiegħek. Neħħi min-naħa tax-xellug it-titoli li mhumiex relevanti. Eżempju:

L-IMPJIEG LI APPLIKAJT GĦALIH

Assistant fid-dipartiment tar-Riżorsi Umani (ref. 562/2013)

POŻIZZJONI TAX-XOGĦOL TIEGĦEK

Sprejer tal-Karozzi

IMPJIEG MIXTIEQ

Rappreżentat għas-Servizz tal-Konsumatur jew Appoġġ Klerikali

IL-KORS/IJIET LI APPLIKAJT GĦALIH/GĦALIHOM

Postgraduate fl-Ekonomija Applikata

DIKJARAZZJONI PERSONALI

Gradwat b'ħiliet komunikattivi u organizzattivi b'saħħithom miksuba mill-esperjenza fl-infirmerija. Qed infittex li nidħol fid-dipartiment tar-Riżorsi Umani.

Uża d-"Dikjarazzjoni Personali" biss jekk għandek idea ċara ta' dak ix-xogħol li tixtieq tapplika għalih. Iffoka fuq il-ħiliet ewlenin tiegħek u l-kisbiet relatati ma' dan ix-xogħol, aktar milli fuq id-dmirijiet u r-responsabbilitajiet li kellek fil-passat. Ftit sentenzi huma biżżejjed (mass. 50 kelma) Evita dikjarazzjonijiet ġeneriċi bħal "Qed infittex opportunitajiet ġodda li joffruli ċertu sfidi."

## ESPERJENZA TA' XOGĦOL

- Iffoka fuq dawk l-esperjenzi ta' xogħol li jagħtu valur lill-applikazzjoni tiegħek.
- Żid informazzjoni separata għal kull esperjenza u ibda mill-aktar waħda reċenti.
- Jekk l-esperjenza ta' xogħol hi waħda limitata:
  - L-ewwel iddeskrivi l-edukazzjoni u t-taħriġ li ksibt;
  - Agħmel referenza għal esperjenzi ta' volontarjat jew kollokamenti ta' xogħol (imħalsa u mhux imħalsa) li jagħtu evidenza ta' esperjenzi ta' xogħol.
- Jekk qed tapplika għal pożizzjoni li m'għandek ebda esperjenza tagħha, enfassizza dawk il-ħiliet li huma relevanti għal din il-pożizzjoni li int ksibt matul l-esperjenzi ta' xogħol li kellek. Per eżempju, jekk applikajt għall-pożizzjoni ta' maniġer imma qatt ma ħdimt bħala maniġer qabel, enfassizza li matul il-pożizzjonijiet preċendenti kellek bosta responsabbilitajiet u dmirijiet li kienu jirrikjedu t-teħid ta' deċiżjonijiet (delegazzjoni, koordinazzjoni, taħriġ ta' persunal, eċċ).

Indika d-dati (minn - sa)
Eżempju:
Settembru 2007 - Preżent

L-impjieg jew il-pożizzjoni li kellek/għandek

Eżempju:

Maintenance Technician / Receptionist / Kowċ abbażi volontarja tal-Futbol

Biddel billi ddaħħal l-isem, il-lokalità (jekk hu possibli l-indirizz kollu) fejn tinstab kull organizzazzjoni li ħdimt magħha, kif ukoll is-sit elettroniku

Eżempju:

ABC Computers , 254, Triq San Pawl, Valletta, VLT 1215 (Malta)

Indika n-numru tat-telefon, tal-fax, l-e-mail u s-sit elettroniku biss jekk mitlub. Eżempju:

Tel.: (44-31) 123 45 67 - Fax (44-31) 123 45 68 - E-mail: J.Robinson@andes.co.uk
http://www.anderdobbs.co.uk

Indika s-suġġetti ewlenin li koprejt fl-istudju tiegħek, kif ukoll, xi ħiliet li akkwistajt.

Eżempju:

▪ manutenzjoni tal-kompjuters
▪ relazzjonijiet ma' min jissuplixxi
▪ Taħriġ tat-tim tal-futbal taż-żgħar (10 sigħat fil-ġimgħa)

Jekk hu neċessarju, ikkwantifika r-responsabbilitajiet tiegħek (persentaġġ ta' ħin ta' xogħol, tul ta' ħin li għamilt f'kull biċċa xogħol, eċċ.

It-tip tan-negozju jew settur Biddel billi tniżżel it-tip ta' negozju jew settur

Uża biss jekk meħtieġ. Eżempju:

It-tip ta' negozju jew settur Trasport u loġistika/ Verifiki tal-kwalità/ Manifattur ta' partijiet ta' vetturi

## EDUKAZZJONI U TAĦRIĠ

Indika kull kors li attendejt. Ibda mill-aktar wieħed riċenti.

Indika d-dati (minn - sa)
Eżempju:
Settembru 2004 – Ġunju 2007

Indika l-kwalifiki tiegħek

Eżempju:

Ċertifikat għall-professjoni ta' parrukkier jew barbier

Jekk magħruf, indika l-livell tal-EQF
Eżempju:
EQF livell 3

Evita l-użu ta' abbrevjazzjonijiet weħidhom (e.g. NVQ).

Indika l-isem tal-organizzazzjoni minn fejn ksibt il-kwalifiki (Jekk hu relevanti, niżżel il-pajjiż)

Eżempju:

Malta Post-Secondary College

Indika s-suġġetti ewlenin li koprejt fl-istudju tiegħek, kif ukoll, xi ħiliet li akkwistajt.

Eżempju:

**Ġenerali**

▪ lingwa Ingliża, Lingwa Ċeltika, matematika, lingwa barranija (Spanjol)
▪ edukazzjoni fiżika u sports

**Xogħol**

▪ teknika ta' xogħol (manifattura ta' ħobż, ħobż fancy, kejks u pasti)
▪ xjenza li għandha x'taqsam mal-ikel u tagħmir relatat (mikrobijoloġija, bijokimika, iġjene)
▪ teknoloġija tax-xogħol (prinċipji bażiċi, iġjene u sigurtà)

Konnoxxenza tan-negozju u l-aspetti ekonomiċi, legali u soċjali tiegħu.

## ĦILIET PERSONALI

Neħħi dawk l-oqsma li jkunu tħallew barra.

**Ilsien nattiv**

Indika l-ilsien/ilsna nattiv/i tiegħek.

Eżempju:

Malti

Tistmax iżżejjed il-livell tiegħek għaliex dan jista' jkun evalwat waqt l-intervistà!

**Lingwi oħra**

| | FEHIM | | TAĦDIT | | IL-KITBA |
|---|---|---|---|---|---|
| | Smigħ | Qari | Taħdit Interattiv | Taħdit Produttiv | |
| Indika l-lingwa<br>Eżempju:<br>Spanjol | Eżempju:<br>C1 | Eżempju:<br>C1 | Eżempju:<br>B2 | Eżempju:<br>B2 | Eżempju:<br>B1 |
| | Indika t-titlu taċ-ċertifikat. Jekk magħruf, indika l-livell.<br>Eżempju:<br>Certificado de Español: Lengua y Uso | | | | |
| Indika l-lingwa<br>Eżempju:<br>Franċiż | Eżempju:<br>B2 | Eżempju:<br>B2 | Eżempju:<br>B1 | Eżempju:<br>B1 | Eżempju:<br>A2 |
| | Indika t-titlu taċ-ċertifikat. Jekk magħruf, indika l-livell.<br>Eżempju:<br>Diplôme d'études en langue française (DELF) B1 | | | | |

Livell: A1/A2: Użu bażiku - B1/B2: Użu indipendenti - C1/C2: Użu proficjenti
Qafas Ewropew ta' Referenza Komuni għall-Ilsna

Meta tiddeskrivi l-ħiliet personali:

- Uża kliem sempliċi u ċar, tkunx ambigwu/a.
- Evita informazzjoni u clichés (e.ż. Jien kapaċi naħdem f'tim) mingħajr evidenza tal-kuntest minn fejn tkun ksibt dik il-kapaċità partikulari.
- Kun konċiż: ħu l-ħin tiegħek sabiex tifhem x'ħiliet għandek turi sabiex tapplika għal dik il-pożizzjoni partikolari.
- Speċifika f'liema kuntest inkisbu (mit-taħriġ li int ksibt, minn esperjenzi ta' xogħol, minn seminars, mill-volontarjat, jew attivitajiet ta' divertiment, eċċ) .

**Ħiliet ta' komunikazzjoni**

Niżżel il-ħiliet ta' komunikazzjoni tiegħek. Spjega kif ksibt dawn il-ħiliet.

Eżempju:

- ħiliet ta' komunikazzjoni tajba miksuba minn esperjenza li kelli bħala *sales manager*
- ħiliet eċċellenti fil-kuntatt mat-tfal miksuba matul l-esperjenza tiegħi bħala kowċ tal-futbal abbażi volontarja

**Ħiliet organizzattivi u maniġerjali**

Niżżel il-ħiliet organizzattivi u maniġerjali tiegħek.  Spjega kif ksibt dawn il-ħiliet.

Eżempju:

- tmexxija (bħalissa responsabbli minn tim ta ' 10 persuni)
- ħiliet eċċellenti fil-kuntatt mat-tfal miksuba matul l-esperjenza tiegħi bħala kowċ tal-futbal abbażi volontarja

**Ħiliet marbutin max-xogħol**

Indika l-ħiliet tiegħek marbuta max-xogħol. Spjega kif ksibt dawn il-ħiliet.

Eżempju:

- għarfien tajjeb tal-proċessi għall-kontroll tal-kwalità (bħalissa responsabbli mill-verifika tal-kwalità)
- ħiliet ta' gwida u taħriġ (bħala infermiera kont responsabbli mit-taħriġ u l-induzzjoni ta' infermiera ġodda)

Kompetenza diġitali

| AWTO-ASSESSJAR | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Ipproċessar ta' Informazzjoni | Komunikazzjoni | Ħolqien ta' kontenut | Sigurtà | Is-soluzzjoni ta' problemi |
| Niżżel il-livell | Niżżel il-livell | Niżżel il-livell | Niżżel il-livell | Niżżel il-livell |

Livell: Użu bażiku - Użu indipendenti - Użu proficjenti
Kompetenzi diġitali - Tabella tal-awto-assessjar

Indika t-titlu taċ-ċertifikat(i) li int għandek fl-ICT.
Eżempju:
Niżżel iċ-ċertifikat: *office suite* - użu indipendenti

Indika l-ħiliet l-oħra tiegħek fl-użu tal-kompjuter. Spjega kif ksibt dawn il-ħiliet.
Eżempju:
- ħakma tajba tal-*office suite* (*word processor, spread sheet, presentation software*)
- ħakma tajba ta' *software* biex teditja r-ritratti, u li ġibtu bħala fotografu dilettant

Ħiliet Oħra

Indika ħiliet oħra li ma semmejtx. Spjega kif ksibt dawn il-ħiliet.
Imla biss jekk għandek xi ħiliet li għadek ma semmetx f'oqsma oħra u li taħseb jistgħu jagħtu valur addizzjonali lill-applikazzjoni tiegħek.
Eżempju:
- l-ewwel għajnuna: iċċertifikat li kompetenti fl-ewwel għajnuna, bħala parti mit-taħriġ tiegħi bħala bugħaddas
- Imbilli ssemmi interessi personali bħall-qari, mixi, iċ-ċinema, eċċ mhu se żżid ebda valur addizzjonali. Għall-kuntrarju, eżempji ta' attivitajiet li int nvolut fihom jgħinuk turi li int bniedem proattiv u li lest li tgħin lil ħaddieħor;
- qari: għandi passjoni għall-qari, darbtejn f'ġimgħa ngħin lil dawk l-istudenti li għandhom diffikultajiet fil-qari
- Membru attiv fi klabbs sportivi

Liċenzja tas-sewqan

Indika hawn jekk għandek liċenzja tas-sewqan.
Eżempju:
B

## INFORMAZZJONI OĦRA

Pubblikazzjonijiet
Preżentazzjonijiet
Proġetti
Konferenzi
Seminars
Titli u rikonoxximenti
Sħubijiet
Referenzi
Kwotazzjonijiet
Korsijiet
Ċertifikazzjonijiet

Indika l-pubblikazzjonijiet, preżentazzjonijiet, proġetti, konferenzi, seminars, titli u rikonoxximenti, sħubijiet, referenzi, kwotazzjonijiet.
Ħassar fuq in-naħa tax-xellug it-titoli li mhumiex rilevanti. Eżempju:
Pubblikazzjoni
- Kif tikteb CV tajba, New Associated Publishers, Londra, 2002.

Fejn neċċessarju provdi deskrizzjoni qasira; tispeċifika t-tip ta' dokument (artiklu, rapport, preżentazzjoni, eċċ)
Proġett
- Il-librerija pubblika f'Devon. Perit prinċipali nkarigat mid-disinn, produzzjoni u s-superviżjoni tal-kostruzzjoni (2008-2012)

Sħubija
- Membru tas-Soċjetà tal-produzzjoni tal-films ġewwa l-Università

Referenzi
Sakemm il-vakanza speċifikament ma titlobx li jingħataw referenzi, ikteb; "Ir-referenzi jkunu preżentati meta mitluba."

ANNESSI

Għamel lista ta’ dokumenti mehmuza mas- CV (kopji taċ-ċertifikati, evidenza ta ' impjieg jew ta' xogħol, pubblikazzjonijiet jew riċerka).

Eżempju:

- Kopja tal-grad fl-enġinerija
- Il-Passaport tal-Lingwa tal-Europass
- Testimonjanza ta’ impjieg (Anderson and Dobbs)

Ehmeż biss dawk id-dokumenti li huma relevanti għall-pożizzjoni li qed tapplika għaliha
Tehmiżx dokumenti twal bħal ngħidu aħna pubblikazzjonijiet; l-aħjar li tniżżilhom bħala “Informazzjoni Addizzjonali” u tinkludi l-*hyperlink* dejjem jekk relevanti.